MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1305/1996/1

**Seduta ta' nhar-il Gimgha 24 ta' Ottubru 2003**

**Numru**

**Citaz. Nru. 1305/96DS**

**Elmo Insurance Services Limited, in rappresentanza tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata bil-polizza u bil-ligi, fid-drittijiet tal-assikurat taghha Karla Cachia u l-istess Karl Cachia**

**vs**

**Peter Borg**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-22 ta' April 1996 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fit- 2 ta' Jannar 1995 ghal xi t-8.15 p.m., waqt li Carla Cachia kienet qed issuq il-car, propjeta' tal-attur Karl Cachia, Fiat Panda Nru. V-5672 gewwa Triq il-Mensija, San Giljan, din sfat involuta f'kollizjoni mal-car Daihatsu Charade Nru. D-8526 misjuqa mill-konvenut (Dok. 1);

Illi l-car Nru. V-5672 kienet assikurata mas-socjeta' attrici taht polza comprehensive, u l-attur Karl Cachia, bhala assikurat, ghamel claim lis-socjeta' attrici in konnessjoni mal-incident de quo;

Illi d-danni tal-atturi kienu jammontaw ghal hames mija sitta u disghin lira tlieta u tmenin centezmu (Lm596.83c) dovuti in kwantu ghal erba' mija sitta u erbghin lira tlieta u tmenin centezmu (Lm446.83c) lis-socjeta attrici bhala risarciment tal-ammont li din sborzat a favur l-assikurat taghha bhala indenniz u spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident, ghal liema ammont is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha taht il-polza comprehensive, u in kwantu ghal mija u hamsin lira (Lm150) dovuti lill-attur Karl Cachia bhala danni subiti u mhux koperti mill-polizza (Dok. 2 sa 5);

Illi ghal dan l-incident awtomobilistiku u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti ghalkemm kien interpellat kemm bonarjament kif ukoll ufficjalment biex jersaq ghar-risarciment tad-danni attrici;

Talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

2. tillikwida d-danni tal-atturi fis-somma ta' hames mija sitta u disghin tlieta u tmenin centezmu (Lm596.83c) jew somma verjuri, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u

3. tikkundannah ihallas lis-socjeta' Elmo Insurance Services Limited noe s-somma ta' erbgha mija sitta u erbghin lira tlieta u tmenin centezmu (Lm446.83c) bhala risarciment tal-ammont li din sborzat a favur tal-assikurat taghha bhala indenniz u spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident, ghal liema ammont l-istess giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha taht il-polza comprehensive, u lill-attur Karl Cachia s-somma ta' mija u hamsin lira (Lm150) bhala danni minnu subiti u mhux koperti bil-polizza comprehensive, jew ammonti verjuri.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal- 20 ta' Frar 1995, dawk tal-ittra ufficjali tat- 8 ta' April 1995, u dawk tal-ittra ufficjali (presentata kontestwalment ma' dan l-att) ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bil-proceduri odjerni, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' April 1995, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti skond l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

2. Fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort tas-sewwieq tal-karozza tal-assigurat Karl Cachia, cioe' Carla Cachia kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat is-sentenza preliminari ta' l-20 ta' April 1999 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fi Triq Mensija kantuniera ma' Triq is-Sajjieda, San Giljan, bejn karrozza Fiat Panda numru V-5672 misjuqa minn Carla Cachia u karrozza Daihatsu Charade numru D-8526 misjuqa mill-konvenut. Il-karrozza Fiat Panda kienet qed tinsaq fi Triq Mensija mentri d-Daihatsu Charade kienet hierga minn  Triq is-Sajjieda. Skond Carla Cachia l-incident gara ghaliex il-konvenut qabad  u hareg minn Triq is-Sajjieda. Skond il-konvenut l-incident gara minhabba l-velocita` eccessiva ta' Carla Cachia.

Carla Cachia xehdet li kienet tiela' t-telgha u meta giet ghall-pjan rat ix-Charade hierga minn Triq is-Sajjieda, din kompliet hierga u hi hasdet il-brake. Qalet li s-sewweiq tax-Charade raha, hi asbet li ma kienx se johrog, izda baqa' hiereg u gie f'Mensija Street f'nofs it-triq. Hi laqtitu u spiccat mal-hajt aktar 'l isfel. Qalet li l-ispeed taghha kien ta' 25 m.f.s. Mad-daqqa x-Charade kienet ghadha miexja.

Il-konvenut l-ewwelnett ikkontesta l-ezattezza ta' l-iskizz tal-Pulizija u sostna li t-triq fuq in-naha tal-lemin trid tkun 'il barra izjed, fis-sens li t-triq fuq il-lemin tieghu hi idjeq milli fuq ix-xellug tieghu. Dan huwa minnu kif anke jidher mir-ritratti li huwa esebixxa tal-lokalita` fejn sehh l-incident. Issa skond il-konvenut dakinhar huwa waqaf daqsxejn fit-tarf ta' Triq is-Sajjieda qabel ma johrog ghal Triq il-Mensija u kien qed juri lill-passiggieri li kellu mieghu fejn kienet toqghod persuna fuq in-naha tax-xellug tieghu u li kien jigi ghandha ghat-te` flimkien ma' politiku Malti. Qal li nnota l-karrozza l-ohra gejja bi speed min-naha tax-xellug u tisswervja daqsxejn mal-brake imbaghad qabdet brake kbir mill-kantuniera minn fejn ir-roundabout iz-zghira li

taghti ghal The Gardens u baqghet sejra titkaxkar u laqtitu fuq il-mudguard fuq in-naha ta' quddiem. Huwa stqarr li fil-mument tal-habta l-karrozza tieghu kienet wieqfa kif tidher il-karrozza Peugeot fir-ritratti li huwa esebixxa. Meta raha kienet boghod minn fejn kien qieghed jixhed "u l-bank, ftit izjed fejn kont bilqieghda faccata jiena, anke izjed jigifieri". Wara l-incident is-sewwieqa tal-karrozza l-ohra bdiet tghid li ma setghetx tikkontrolla l-ispeed u dan id-diskors qalulu lis-Surgent li gie jinvestiga l-incident.

Xehdet ukoll Maria Mallia li kienet passiggiera mal-konvenut li qalet li l-konvenut waqaf biex jurihom fejn kienet toqghod persuna u f'daqqa wada jaraw karrozza gejja b'velocita` kbira li tathom daqqa u waddbithom lejn il-lemin. Bejn hom u karrozza pparkjata faccata kien hemm spazju enormi li tghaddi karrozza ohra. Meta waqfu, il-vettura li kienet riekba fiha kienet kollha fit-triq tal-genb.

Charles Mallia, li wkoll kien riekeb mal-konvenut passiggier quddiem, stqarr ukoll li fil-mument tal-habta kienu weqfin u l-karrozza l-ohra mad-daqqa raha.

M'hemm l-ebda dubju li fil-konfront ta' Triq is-Sajjieda, Triq il-Mensija hija t-triq principali u bhala tali Carla Cachia kellha d-dritta. Ghalhekk il-konvenut kellu l-obbligu li jcedi ghal traffiku fuq it-triq principali, li jesplora tajjeb it-triq principali qabel ma johrog fiha u li jimxi *dead slow* u sahansitra jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Il-konvenut jinsisti li waqaf qabel il-habta. Izda l-punt hawn hu: fejn waqaf? Skond il-konvenut, waqaf fil-pozizzjoni ta' kif tinsab wieqfa l-Peugeot fir-ritratti li huwa esebixxa. Il-Qorti ssibha difficli temmen li, kieku waqaf bix-Charade kif tinsab pozizzjonata l-Peugeot, kienet tigri l-habta in kwistjoni. Barra minn hekk, mix-xiehda ta' l-istess konvenut huwa evidenti li aktar kien mohhu biex juri lill-passiggieri tieghu fejn kien jigi ghat-te` milli biex jesplora tajjeb it-triq qabel ma johrog fiha. Difatti hu stess ighid li waqaf biex jurihom residenza partikolari u ma jghidx li waqaf biex jesplora t-triq. Carla Cachia qalet li meta rat li l-karrozza baqghet hierga, hasdet il-brake. Li kieku l-konvenut ma kienx

qieghed jinvadilha t-triq ma kienx ikollha ghalfejn taghmel hekk.

Pero` l-konvenut isostni li l-incident gara minhabba l-velocita` eccessiva tal-karrozza l-ohra. Din il-kwistjoni giet dibattuta ferm fil-Qrati taghna u l-gurisprudenza kostanti hi fis-sens li s-sewwieq fi triq principali m'ghandux jiehu t-tort ta' incident awtomobilistiku minhabba velocita` eccessiva sakemm l-istess velocita` ma tkunx il-kawza prossima ta' dak l-incident.

Fil-kawza fl-ismijiet **Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Superjuri fil-15 ta' Jannar 1997 (Vol. LXXXI.ii.162), dik il-Qorti qalet: *"Kien kostantement ritenut illi f'cirkostanzi bhall-kaz in ezami fejn jirrizulta li sewwieq kellu ovvjament id-dritta u fejn jirrizulta li l-incident gara minhabba li l-konvenut hareg minn triq laterali u sekondarja bla ma zamm a proper lookout, l-eccess ta' velocita` da parti tal-main road user - anke jekk pruvat - bhala regola u wahdu ma kienx fattur li jaddebitalu xi kontributorjeta` ghas-sinistru. Dan b'mod partikolari fejn iz-zewg sewwieqa kellhom - jew suppost li kellhom - vizwali ta' xulxin fit-tul. 'Jekk iz-zewg sewwieqa li jkunu mplikati fil-kollizjoni setghu jaraw lil xulxin fi zmien utili, il-fattur ta' velocita` m'ghandu x'jaqsam xejn fil-kawza determinanti tal-kollizjoni….' (Vol. XXXVI.iv.797)"*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Remigio Zammit Pace noe vs George Despott** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' Frar 1997 (Vol. LXXXI.iii.43), intqal: *"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karrozza b'velocita` eccedenti l-ispeed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta` purche` l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jista' jissejjah 'sfrenat' … Fic-cirkostanzi l-ispeed ta' Vassallo ma kienx il-kawza determinanti tal-kollizjoni izda kienet il-manuvra inkonsulta tal-konvenut li kkawzat l-incident"*.

Hekk ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Remigio Zammit Pace noe et vs Carmen Grima** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fis-16 ta' Mejju 1997 fejn saret riferenza

ghas-sentenza fl-ismijiet **Mehmet Kasap vs Edgar Ellul** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 1993 li qalet: *"Pero` kif gie kostantement ritenut fil-gurisprudenza f'cirkostanzi simili ghal dak in ezami, eccess ta' velocita` tal-main road user (anke kieku biss ghall-grazzja ta' l-argument kellu jigi koncess) ma ghandux jitqies bhala determinanti jew kontributorju ghar-responsabilita` ghas-sinistru … jekk jirrizulta - kif indubbjament irrizulta fil-kaz in ezami - illi din ir-regola kardinali tas-sewqan ma gietx osservata u li s-side road user arget ghal fuq il-main road b'mod inkonsult u azzardat dan kellu necessarjament iwassal bhala regola biex is-side road user tigi akkollata bir-responsabilita` shiha ta' l-akkadut … kieku kellu jirrizulta xi eccess ta' velocita` marginali … dan wahdu ma kienx ikun bizzejjed biex tigi akkollata xi responsabilita` lil main road user ghall-incident …. Kien ikollu jirrizulta …illi tali eccess ta' velocita` kien posittivament ikkontribwixxa ghas-sinistru billi jkun jirrizulta li tali eccess kien ukoll kawza prossima u mmedjata ta' l-incident"*.

Fil-kaz in ezami, ghalkemm Carla Cachia qalet li kienet miexja b'25 m.f.s., il-brake-marks juru velocita` aktar qawwija minn hekk. Certament ma jistax jitqies li kienet velocita` "sfrenata". U l-fatt li l-brake-marks kif jirrizultaw mill-iskizz huma dritti, juri li hija kella kontroll tal-karrozza f'dak il-mument. Il-fatt ukoll li dawn il-brake-marks ighaddu vicin hafna tal-karrozza Skoda pparkjata fuq ix-xellug taghha, huwa wkoll indikazzjoni ta' kif il-konvenut kien effettivament ostakolalha l-passagg liberu taghha. Kieku verament waqaf fil-pozizzjoni ndikata fir-ritratti minnu esebiti, kien ikollu vizwali fit-tul sew biex jara l-karrozza misjuqa minn Carla Cachia u mhux, kif xehed hu stess, minn fejn kien qieghed jixhed fil-pedana tax-xhieda "u l-bank, ftit izjed fejn kont bilqieghda faccata jiena, anke izjed jigifieri".

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ghall-incident ghandu jwiegeb unikament il-konvenut li ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali.

Id-danni pretizi mill-atturi jammontaw ghal Lm596.83, kwantu Lm446.83 lis-socjeta` attrici u kwantu Lm150 lill-attur Karl Cachia. Dawn ma gewx kontestati u d-dokumenti annessi mac-citazzjoni (Dok. 2 sa 5 a fol. 9 sa 12), dawk esebiti minn Joseph Mula (Dok. JZ10 u JZ11 a fol. 68 u 69) u x-xiehda ta' l-istess Joseph Mula jikkorroboraw l-ammont pretiz. It-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni fis-somma ta' Lm596.83 qieghdha b'hekk tigi akkolta wkoll.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad ukoll l-eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu, tilqa' t-talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali,
(2) tillikwida d-danni fis-somma mitluba ta' Lm596.83, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` Elmo Insurance Services Limited noe s-somma ta' Lm446.83 bhala rizarciment tal-ammont li din zborzat a favur ta' l-assikurat taghha bhala indennizz u spejjez ohra konnessi u rizultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha taht il-polza comprehensive, u lill-attur Karl Cachia s-somma ta' Lm150 bhala danni minnu subiti u mhux koperti bil-polizza comprehensive.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax, stante li ma gietx ipprezentata kopja ta' l-ittra ufficjali msemmija fic-citazzjoni, mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------